MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta ta' 30 ta' Settembru, 2002

Talba Numru. 1363/2002/1

***Raymond Gatt fil-kapacita' tieghu ta' stralcarju tas-socjeta' Continental Postform Ltd***

***vs***

***Benny Muscat & Sons (Woodworks) Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur nomine s-somma ta' disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm90.25c) rappresentanti prezz ta' materjal mibjugh mis-socjeta' *Continental Postform Ltd* lill-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2001 u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' l-istess

ittra u cioe' mit-30 ta' Jannar 2001 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Carlo Bisazza ghan-nom ta' l-attur nomine, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' disghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm90.25c), kif ukoll l-imghaxijiet legali mit-30 ta' Jannar 2001 u cioe', d-data tan-notifika tas-socjeta' konvenuta ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2001.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Jannar 2001 ghandhom jigu sopportati nterament mis-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**